**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr Edwina Grima, LL.D.**

**Appell Nru: 319/2023**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Irena Lozanovska**

Illum, 26 ta' April 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellanti, Irena Lozanovska, detentriċi tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 192150(A), akkużata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fit-28 ta' Novembru 2022 għall-ħabta ta' 10:40hrs fi Triq is-Salina, Naxxar:

1. Saqet vettura Nru JAE-572 mingħajr ma kienet liċenzjata mill-Awtorita' għat-Trasport f'Malta biex tintuża fit-triq (liċenzja tal-vettura mhux imġedda);
2. Saqet vettura Nru JAE-572 mingħajr ma kienet koperta b'polza tal-assikurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-11 ta' Lulju 2023, fejn il-Qorti, wara li rat l-artikoli relevanti tal-liġi (Kapitolu 65, Art. 15(1)(a) u Kapitolu 104, Artikolu 3(1)), sabet lill-imputata Irena Lozanovska ħatja tal-imputazzjonijiet kollha kif miġjuba kontra tagħha u kkundanatha għal multa ta'

elfejn u erba' mitt Ewro (€2,400), liema multa hija pagabbli b'rati mensili għal erbgħa u għoxrin xahar (24) ai termini tal-Art. 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. *In oltre*, ai termini tal-Artikolu 15(3) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Artikolu 3(2A) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti skwalifikat lil Irena Lozanovska milli jkollha jew tikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien tnax -il xahar u tmint ijiem.

Rat ir-rikors tal-appellanti, Irena Lozanovska, ippreżentat fis-26 ta' Lulju 2023, fejn talbet lil din l-Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza billi:

1. Tħassar u tirrevoka l-parti fejn sabitha ħatja u minflok tiddikjaraha mhux ħatja tal-akkużi dedotti kontra tagħha bil-konsegwenzi kollha legali l-oħra;
2. Tħassar u tirrevoka l-pieni mposta fuqha.

Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali ppreżentata nhar il-25 ta' Jannar 2024.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellanti eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat li matul is-seduta ta' nhar is-26 ta' Jannar 2024 "*id-difensuri tal-appellanti ddikjaraw li għalkemm il-proċeduri tmexxew bil-lingwa Ingliża mill-Ewwel Qorti ma għandhomx oġġezzjoni li l-proċeduri issa fi stadju ta' reviżjoni jsiru bil-lingwa Maltija*".

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fl-ewwel aggravju minnha ventilat, l-appellanti tilmenta li l-Ewwel Qorti ma apprezzatx, b'mod korrett, il-provi miġjuba quddiemha u dan għaliex fl-ebda ħin ma kienet qed issuq il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni JAE-572 fil-jum u l-ħin indikati fiċ-ċitazzjoni, u b'hekk l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tagħha huma skoretti.

Illi, eżaminati l-atti proċesswali bil-għan illi jkun mistħarreġ jekk l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti kienx wieħed raġjonevolment u legalment

validu[1], u b'mod ewlieni eżaminata x-xhieda ta' EO 227 Juan Mizzi, jirriżulta illi nhar it-28 ta' Novembru 2022 għal ħabta tal-10:40am "**we stopped the vehicle JAE-572, Triq is-Salina, Naxxar. The driver was Irena Lozanovski, the ID card number 0192150A**". Jirriżulta ukoll li kien irriżultalu li l-vettura in kwistjoni la kellha liċenzja valida u lanqas kienet koperta b'polza ta' assigurazzjoni.

Illi, waqt it-testimonjanza tiegħu, EO 227 Mizzi kien ċert li kienet l-appellanti l-persuna li kienet qed issuq il-vettura mertu ta' dawn il-proċeduri meta twaqqfet minnu – "**Because we stopped her and I asked her to give me the licence**". Mistoqsi ulterjorment jerġa' jwieġeb – "**No she was driving that's why I give on her name. If she was not driving I don't give on her name**". U aktar 'il quddiem jerġa' jikkonferma, "**Yes she was driving the vehicle**".

Issa l-appellanti ma tressaq ebda mottiv li jista' iġiegħel lil din il-Qorti tiddubita mill-veraċita' tal-verzjoni tal-fatti tal-*Enforcement Officer* in kwistjoni, aktar u aktar meta d-dettalji li huwa stqarr li ingħatawlu mill-persuna li kienet qed issuq il-vettura *de quo* huma filfatt id-dettalji personali tal-appellanti. Mhux biss iżda id-difiża stess eżebit l-avviż tal-kontravvenzjoni li inħareġ mill-EO227 dak in-nhar stess, u ċioe' fit-28 ta' Novembru 2022, mingħajr ma tagħti spjegazzjoni dwar kif din ġiet fil-pussess tagħha, sabiex din il-Qorti bħall-Ewwel Qorti qabilha ma għandha ebda dubbju illi ma kien ħadd ħlief l-appellanti li twaqqfet mill-EO227 li ħadilha id-dettalji li għaddietlu hi stess u abbażi ta' dawn id-dettalji huwa ħareg l-avviż tal-kontravvenzjoni, li hija eżebita a fol.13 tal-atti, u għaddieha lill-appellanti, tant illi din eżebita fl-atti tal-kawża.

Illi, *inoltre*, mill-*affidavit* redatt minn Stephen Cachia, in rappreżentanza ta' *Transport Malta*, jirriżulta is-segwenti –

[1] Ara, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Diċembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Diċembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

**"Vettura JAE-572 tal-marka Subaro Vivio, fit-28/11/2022 kienet reġistrata fuq Irena Lozanovska, detentriċi tal-karta tal-identita' 192150A. Din il-vettura ilha hekk irreġistrata mit-2/5/2022. Il-liċenzja tal-imsemmija vettura skadiet fil-31 ta' Ottubru 2022 u ġiet rinovata fid-29/11/2022".**

Jikkonsegwi għalhekk illi nhar it-28 ta' Novembru 2022, u ċioe' dakinhar tal-inċident *de quo*, il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni JAE-572, propjeta' tal-appellanti ma kenitx koperta b'liċenzja valida biex tintuża fit-triq u li ma kien ħadd ħliefha li kien qed isuq din il-vettura.

**Ikkunsidrat:**

Illi, l-appellanti kienet mixlija u misjuba ħatja ukoll tar-reat imfassal fl-artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta meta rriżulta illi s-sewqan minnha tal-vettura JAE-572 ma kienx kopert b'polza ta'l-assigurazzjoni valida:-

**Bla ħsara tad-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, ħadd ma jista' juża jew iġiegħel jew iħalli lil persuna oħra tuża vettura bil-mutur fit-toroq kemm-il darba, għall-użu tal-vettura minnu jew minn dik il-persuna l-oħra, skont il-każ, ma tkunx isseħħ polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni, skont id-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza.**

B'dan illi:-

**(1A) Ikun preżunt li ma kienx hemm polza tal-assigurazzjoni fis-seħħ skont is-subartikolu (1), kemm-il darba min jiġi akkużat b'reat taħt is-subartikolu (1) ma jġibx prova kuntrarja billi juri ċertifikat tal-assigurazzjoni maħruġ taħt l-artikolu 4(4).**

**(1B) Tista' tingħata eċċezzjoni valida, fil-prosekuzzjoni ta' reat taħt is-subartikolu (1), mill-akkużat jekk iġib prova li r-reat ikun sar mingħajr ma huwa kien jaf bih u li jkun eżerċita kull diliġenza dovuta biex ma jħallix li r-reat isir.**

Illi, ukoll l-artikolu 4(4) ta' l-istess Att jipprovdi:

**Polza ta' assigurazzjoni ma għandha ebda effett għall-finijiet ta' din l-Ordinanza kemm-il darba u sakemm ma jiġix maħruġ mill-assiguratur awtorizzat favur il-persuna li ħadet il-polza, ċertifikat (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsemmi "ċertifikat ta' assigurazzjoni") fil-forma stabbilita; u meta l-polza ta'assigurazzjoni tkun ċertifikat internazzjonali ta' assigurazzjoni, dak iċ-ċertifikat internazzjonali għandu, għall-finijiet kollha ta' din lOrdinanza ħlief meta r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra, ikun iċ-ċertifikat ta' assigurazzjoni meħtieġ li jinħareġ taħt dan is-subartikolu.**

Illi, huwa evidenti minn qari ta' din id-disposizzjoni tal-liġi illi għandha tirriżulta ir-reita' kull meta ma jkunx hemm maħruġ favur il-persuna imputata bir-reat taħt l-Artikolu 3 ċertifikat ta' l-assigurazzjoni li jkopri l-użu tal-vettura mill-persuna mixlija bil-kummissjoni tar-reat. Il-leġislatur, imbagħad, iqiegħed fuq l-ispalla tal-persuna akkużata l-ħtieġa li teżonera ruħha mir-responsabbilta' kriminali meta allura għandha ġġib prova illi l-vettura hija koperta b'polza ta'l-assikurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni u dan billi juri li hemm fuq saqajh ċertifikat ta'l-assigurazzjoni maħruġ fit-termini ta'l-artikolu 4(4) ta'l-Ordinanza **favur tiegħu**. *In oltre*, l-artikolu 4(4), li jagħmel referenza għalih l-artikolu 3(1A), jinneċċesita illi dan ikun maħruġ favur dik il-persuna li tkun qed issuq il-vettura, u l-kwistjoni dwar jekk l-obbligazzjonijiet naxxenti minn din il-polza tal-assigurazzjoni għandhomx ikunu onorati xorta waħda mis-soċjeta assiguratriċi għalkemm il-vettura ma tkunx misjuqa minn sewwieq awtoriżżat skont il-polza tal-assigurazzjoni, hija *res inter alios acta*, liema kwistjoni hija waħda purament ta' natura ċivili li ma għandha ikollha ebda piż fil-kamp penali.

Illi, f'dawn il-proċeduri, l-appellanti ma pproduċiet ebda ċertifikat jew polza ta' assigurazzjoni jew dettalji dwar l-istess, kif kellha l-obbligu li tagħmel skont il-liġi. Infatti, hekk kif evidenzjat mill-verbal tas-seduta ta' nhar il-11 ta' Lulju 2023, "**The accused opts not to testify nor to bring any evidence**". Għaldaqstant, dina l-Qorti hija tal-fehma li fid-dawl ta' dan il-kwadru probatorju, l-Ewwel Qorti setgħet legalment u raġonevolment issib ħtija fl-appellanti ukoll fir-rigward tat-tieni imputazzjoni dedotta kontriha, kif filfatt għamlet.

Għal dawn il-motivi, l-ewwel aggravju tal-appellanti qed ikun miċħud.

**Ikkunsidrat:**

Illi, il-*gravam* rimanenti sottopost għall-ġudizzju ta' dina l-Qorti huwa dwar il-piena erogata mill-Ewwel Qorti fejn l-appellanti tisħaq li hija qatt ma setgħet tkun ikkundanata piena skont il-liġi ġaldarba ma kinitx identifikata bħala l-persuna li kkommettiet ir-reati *de quo*.

Illi, *in primis,* dina l-Qorti tirrileva li ġie stabbilit b'mod kopjuż fil-ġurisprudenza nostrana illi qorti ta' revizjoni bħala regola ma tirrimpjazzax il-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti b'dik li kieku hija – ċioe` din il-Qorti – kienet tagħti f'dawk iċ-ċirkostanzi, kemm -il darba ma jkunx jirrizulta li l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti kienet b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive*"[2] .

Illi, mbagħad il-kwistjoni dwar l-identifikazzjoni tal-appellanti hija prova li tolqot il-mertu, u kwindi ġaldarba kien stabbilit illi ma kien ħadd għajr l-appellanti li kienet qed issuq il-vettura fil-jum indikat fiċ-ċitazzjoni , kwindi l-Ewwel Qorti kellha tgħaddi biex teroga dik il-piena skont il-liġi għal vjolazzjonijiet minnha kommessi, kif fil-fatt għamlet. Illi huwa indubitat illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti hija waħda fil-parametri tal-liġi u hija fil-minimu assolut sabiex b'hekk ma jista' jkun hemm ebda mottiv li jista' jwassal lil din il-Qorti titbiegħed mid-diskrezzjoni eżerċitata mill-Ewwel Qorti meta din ġiet għal kalibrazzjoni tal-piena. Għalhekk anke dan l-aħħar aggravju tal-appellanti qed jiġi respint.

**Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell, tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha, bl-iskwalifika tal-liċenzja tas-sewqan tal-appellanti tibda' tiddekorri mid-disgħa ta' għada filgħodu.**

**Edwina Grima**

**Imħallef**

[2] The Republic of Malta vs v. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek, deċiza nhar il-25 ta' Awissu 2005.